L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal laqghat Nri. 13 u 14.

1. Il-Prim Ministru ressaq ghal-kunsiderazzjoni tal-Kabinett il-kwistjoni tal-L.E.Ps. li bicca minnhom diga bdew jircievu s-sensji minn mas-Servizzi.

Wara diskussjoni gie deciz illi il-haddiema ~~tas~~-sensja naffrulhom li jmorru jahdmu barra minn Malta, bhal per ezempju l-Libja, u jekk jaccettaw il-Gvern jiehu hsieb iwaqqaf Organizzazjoni biex tiehu hsiebhom u tizguralhom l-ahjar kundizzjonijiet tax-xoghol.

2. Il-Prim Ministru informa l-Kabinett illi hemm il-htiega illi jkun hemm persuna wahda minn fost il-Ministri li jkun responsabbli direttament lill-Kabinett, li tiehu hsieb l-'planning' u r-'recruitment' tan-nies fic-China Dock, fil-Marsa Dock u f'Marsaxlokk. Gie suggerit illi dan il-Ministru ghandu jintghazel minn fost il-Ministri Barbara, Sant u W. Abela.

3. Il-Prim Ministru informa lill-Kabinett illi ghad hemm hafna xoghol x' jsir partikolarment dwar:

(a) l-Algerija

(b) l-kwistjoni tal-Italja u Franza dwar l-'istatus' ~~ta' Malta~~ tan-non-alignment;

(c) il-mawra tad-delegazzjoni ghac-Cina fil-15 ta' Mejju;

(d) is-'Socialist Conference' tal-Istati tal-Mediterran;

(e) l-ewwel ta' Mejju;

(f) il-'Commonwealth Conference' f-Gunju li gej.

4. Il-Ministru Sant informa lill-Kabinett illi sejjer l-Italja bhala l-mistieden tal-General ~~Guercuo~~, Kap Kmandant tal Missione Militare Italiana, bejn il-13 u it-18 ta' April.

/2. ....

Il-Ministru Moran qal ukoll illi sejjer jattendi l-'Annual Assembly' tal World Health Organisation bejn il-1 u it-8 ta' Mejju.

Il-Ministru Cremona qal illi huwa sejjer Ancona bejn it-13 u l-15 ta' Mejju in konnessjoni ma l-industrija tas-Sajd.

5. Il-Prim Ministru informa l-Kabinett illi hemm bzonn illi jintazlu malajr rapprezentanti mid-Development Corporation, mit-Trade Department, mis-Sea Malta biex x-xoghol kollu konness mad-delegazzjoni ghac-Cina fix-xahar li gej.

Fis-2.30 p.m. is seduta aggornat sine die.

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA